# CHARLES, WALDEMAR U ANTHONY:
# Tlett Żgħażagħ Maltin f'Nofs Gwerra Imdemmija

*Kitba ta' Dr. Gioconda Schembri*






Dr. Gioconda Schembri

Xi ftit tas-snin ilu, kien ġie f'idejja il-ktieb ta' John Mizzi 'Gallipoli: the Malta Connection.' Dan il-ktieb jittratta dwar ir-rwol ta' Malta fl-Ewwel Gwerra Dinjija, u jitkellem fost l-oħrajn dwar il-'Maltese Labour Corps' grupp ta' madwar elfejn ħaddiem li marru Gallipoli u Salonika biex jgħinu lit-truppi ta' l-Alleati. Isemmi wkoll kif Malta bdiet tissejjaħ bħala 'l-Infermiera tal-Mediterran', wara li eluf ta' suldati Ingliżi u Anzacs (il-korp ta' truppi ta' l-Awstralja u New Zealand) li kienu indarbu, ġew ikkurati b'għożża kbira fi sptarijiet militari Maltin.

Peress li kemm missieri Vincent u ommi Tereża (li bħali hija Mqabbija magħrufin bil-laqam 'Tas-Sur Ċikka') jiftakru it-Tieni Gwerra Dinjija sew, minn dejjem kont familjari mal-kontribut kbir li tat Malta f'dik il-gwerra, iżda ftit li xejn kont naf dwar il-konflitt tal-1914-1918.

Għalhekk kienet sorpriża għalija li insib ktieb sħiħ dedikat fuq dan is-suġġett. Ħaġa oħra li laqtitni kien meta Mizzi semma li kien hemm għadd ta' Maltin li wara li kienu emigraw, kienu ingħaqdu ma' l-armata tal-Kanada, Stati Uniti, l-Awstralja u anke ta' New Zealand. Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra fl-1914, il-Maltin fl-Awstralja u New Zealand ma kienux jgħoddu aktar minn ftit mijiet, imma 53 minnhom inkitbu biex jiddefendu l-Imperu Ingliż.

Fost dawn l-Anzacs Maltin, kien hemm anke ġuvni mill-Imqabba, Andrew Camilleri li qabel ma emigra lejn l-Awstralja kien joqgħod fi Triq Santa Katerina, mhux 'il bogħod mid-dar li twelidt fiha jien. (Ara wkoll l-artiklu ta' Dr Charles J. Farrugia fl-edizzjoni tal-programm tal-festa 2015 'Infakkru l-memorja ta' Andrew 'Andrea' Camilleri, eroj Imqabbi tal-Ewwel Gwerra Dinjija').

Kien hemm ukoll tlett żgħażagħ oħra Maltin imsemmijin fil-ktieb, Charles Bonavia u Anthony Xuereb mill-Belt u Waldemar Beck mill-Imsida, li dawn ukoll bħal Andrew kienu iddeċidew li jemigraw lejn l-Awstralja, mimlijin tama għal futur aħjar.

Charles, Waldemar u Anthony kienu saru ħbieb meta bdew jattendu il-Liċeo flimkien u wara studjaw l-arkitettura fejn gradwaw bħala periti u inġiniera mill-Università ta' Malta fl-1911. Meta fittixt fil-lista tal-istudenti għas-snin 1900-1911 miżmumin fl-arkivji tal-Università ta' Malta, sibt ukoll li fl-istess żmien kien jattendi wkoll Joseph Xuereb mill–Imqabba li huwa is-sekond kuġin t'ommi. Joseph 'il quddiem sar qassis, aktar magħruf mal-Imqabbin bħala Dun Ġużepp. Min jaf jekk ġieli kienx jiltaqa' ma' Charles, Waldemar u Anthony fil-kurituri tal-Liċeo?

Charles, Waldemar u Anthony fil-bidu li waslu l-Awstralja sabuha ftit diffiċli peress li il-kwalifika tagħhom ma kinitx rikonoxxuta iżda bil-mod il-mod irnexxielhom isibu mpjieg sod, u bdew jintegraw ruħhom fis-Soċjetà fejn anke tnejn minnhom itgħarrsu ma' tfajliet Awstraljani.

Sfortunatament, isibu ruħhom f'nofs gwerra terribbli li iddawwrilhom ħajjithom ta' taħt fuq. It-tlett iħbieb isiru Anzacs u jiġġieldu f'uħud mill-aktar battalji imdemmija bħal f'Gallipoli fit-Turkija u f'Polygon Wood u Ypres fi Franza u l-Belġju. Wieħed minnhom biss jirritorna ħaj lejn l-Awstralja, għalkemm jgħaddi il-bqija ta' ħajtu jbati minn '*shell shock*', jew kif inhi magħrufa din il-kondizzjoni illum, 'post traumatic stress disorder.' B'hekk dawn iż-żgħażagħ Maltin huma parti mill-istatistika ta' din il-gwerra li suppost kellha ttemm kull gwerra oħra.

L-istorja ta' dawn it-tlett iħbieb missitli qalbi għax identifikajt ruħi magħhom u ħassejt li għandi nsir naf aktar dwarhom. Irnexxieli nikkuntattja lill-familjari tagħhom li kienu ġenerużi ħafna peress li irrakkuntawli ħafna stejjer dwarhom li kienu semgħu mingħand l-antenati tagħhom, kif ukoll tawni aċċess għal għadd ta' ritratti, ittri u djarju imprezzabli.

Nispera li permezz tal-ktieb tiegħi '*Three Anzacs from Malta, a true story of friendship, love, and loss*' , jiena rnexxieli nagħti lil dawn it-tlett żgħażagħ l-unur li jixirqilhom u li issa isimhom ma jintesa' qatt.

**Nota Editorjali:**

*Hsibna li jkun xieraq li ninkludu informazzjoni dwar din il-pubblikazzjoni t'Imqabbija li għalkemm barra minn xtutna baqgħet tħobb lil artna u lill-Imqabba. Gioconda ġejja wkoll minn familja li jħobbu ferm il-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Dan li ġej hu ftit tagħrif dwarha:*

*Gioconda S. Schembri née Mifsud twieldet l-Imqabba. Wara li gradwat fil-Liġi mill-Università ta' Malta, bdiet taħdem fis-servizz ċivili u għal tlett snin serviet fil-Kummissjoni Għolja Maltija f'Canberra, l-Awstralja fejn anke kienet Aġent Kummissarju Għoli għal diversi xhur.*

*Gioconda emigrat lejn l-Awstralja fl-2002 fejn fost l-oħrajn ħadmet mas-servizz pubbliku Awstraljan, mal-Kunsill Malti għall-Victoria, fil-Konsolat Ġenerali ta' Malta u bħala traduttriċi tal-lingwa Maltija. Hija toqgħod Melbourne ma' żewġha Darren u binhom Thomas.*

*Minn din il-paġna nirringrazzjawa u nawgurawla għal din il-pubblikazzjoni.*